# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM it-Tlieta, 12 ta' Jannar, 2021**

**Rikors Nru. 698/20JRM**

Fl-atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Kontro-Mandat għall-Mandat ta' Sekwestru Numru 942/20 fl-ismijiet:

Ivan John **DEBONO**

vs

Antoine **VELLA**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq mill-eżekutat Antoine Vella fil-11 ta' Awwissu, 2020, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, talab li (i) din il-Qorti tħassar il-Mandat ta' Sekwestru fuq imsemmi għall-finijiet tal-artikoli 836(1)(f) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta; (ii) ssib li huwa ġarrab danni bil-ħruġ tal-istess Mandat; (iii) tillikwida d-danni minnu mġarrba; (iv) tikkundanna lill-istess

intimat eżekutant iħallsu d-danni hekk likwidati fi żmien qasir u perentorju; u (v) ssib li l-eżekutant mexa b'ħażen fil-ħruġ tal-Mandat u ressaq pretensjoni fiergħa dwaru u għalhekk għandha tikkundanna lill-intimat eżekutant iħallasha penali kif maħsub fl-artikolu 836(8) tal-istess Kodiċi;

Rat id-degriet tagħha tal-25 ta' Awwissu, 2020, li bih ordnat in-notifika lill-intimat eżekutant bi żmien għan-Nota bħala tweġiba għat-talbiet tal-eżekutat;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimat eżekutant fit-18 ta' Diċembru, 2020, li biha u għar-raġunijiet hemm imsemmijin, laqa' għat-talbiet tal-eżekutat billi ċaħad li l-eżekutat mhuwiex il-kontradittur leġittimu tal-pretensjonijiet tal-eżekutant, u dan kemm taħt l-aspett ta' liġi ċivili u kif ukoll dak kriminali. Żied jgħid li l-pretensjonijiet u t-talbiet l-oħrajn tal-eżekutat dwar danni mġarrbin mhumiex posthom fi proċedura bħal din. Filwaqt li jwarrab it-talba tal-eżekutat għall-kundanna tal-penali, huwa jisħaq li mexa skond il-liġi bil-ħarsien tal-jeddijiet tiegħu u ma abbuża bl-ebda mod mill-proċeduri, iżda mexa fuq pariri ta' nies kompetenti fil-qasam. Temm jgħid li ma hemmx raġuni tajba biex il-Mandat jitħassar taħt il-kawżali li l-eżekutat għoġbu jagħżel biex iressaq it-talba tiegħu;

Rat l-atti kollha tar-rikors u tal-Mandat li għalih jirreferi;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija proċedura taħt l-artikolu 836(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta għat-tħassir ta' Mandat kawtelatorju. Minbarra dan, l- eżekutat qiegħed jitlob ukoll li l-Qorti tikkundanna lill-eżekutant għad-danni mġarrba bil-ħruġ tal-istess Mandat u biex iħallsu l-ammont likwidat, u kif ukoll talba biex l-eżekutant ikun ikkundannat iħallas penali skond l-artikolu 836(8) tal-istess Kodiċi;

Illi mill-<u>fatti ewlenin rilevanti għall-kwestjoni</u> jirriżulta li fl-24 ta' Lulju, 2020, Ivan John Debono talab u kiseb il-ħruġ tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju kontra l-eżekutat Vella għas-somma ta' ħamsa u sebgħin elf euro (€ 75,000) b'ħarsien ta' pretensjonijiet tiegħu dwar "danni kkawżati fil-proprjetà tar-rikorrent f'21 Triq il-Knisja l-Qadima, Manikata, minn xogħol ta' bini li sar fil-bini aġġaċenti, proprjetà tal-intimat skond stima tal-perit anness". Il-Mandat inħareġ lil ħames sekwestratarji, ilkoll banek lokali, dak inhar stess li ntalab il-

ħruġ tiegħu. Dakinhar li nħareġ il-Mandat, l-eżekutant fetaħ ukoll il-kawża kontra l-eżekutat bil-pretensjonijiet li huwa ried iħares bil-ħruġ tal-Mandat[1];

Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' dritt ta' min iżomm quddiem għajnejh li, kif ingħad bosta drabi fi proċeduri bħal dawn, l-istħarriġ li għandha tagħmel il-Qorti huwa biss wieħed *prima facie* u dan għaliex il-mertu jmissu jiġi mistħarreġ fil-kawża proprja bejn il-partijiet. Il-Qorti għandha tistħarreġ li r-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat jidhru mill-att innifsu u li tara jekk dan inħariġx b'mod abbużiv[2], bla ma bl-ebda mod tagħti xi fehma jew ġudizzju dwar il-mertu tal-kwestjonijiet li hemm bejn il-partijiet, għaliex b'hekk tkun qiegħda tidħol f'eżerċizzju qabel waqtu li jrid isir waqt is-smigħ tal-kawża fil-mertu mill-Qorti li quddiemha hemm il-kawża Għalhekk, hija l-fehma tal-Qorti li mhuwiex meħtieġ li tifli fil-mertu l-kwestjonijiet li nqalgħu bejn il-partijiet u li wasslu għall-ħruġ tal-Mandat;

Illi f'dan il-każ l-eżekutat jibni t-talba tiegħu għat-tħassir tal-Mandat fuq il-kawżali maħsuba fl-artikolu 836(1)(f) tal-Kodiċi:

A) Jintwera li fiċ-ċirkostanzi mhuwiex raġonevoli li l-mandat jinżamm fis-seħħ jew li huwa ġustifikabbli [Art. 836(1)(f)]. B'mod ewlieni, l-eżekutat isejjes dan l-argument għaliex jgħid li huwa ma għandu jwieġeb għall-ebda pretensjoni tal-eżekutant u mhux il-kontradittur leġittimu tiegħu għaliex hu mhuwiex sid il-bini li minnu l-istess eżekutant jgħid li ġiet il-ħsara fi ħwejġu huma u għaddejjin ix-xogħlijiet fis-sit li jmiss miegħu. Fost l-oħrajn, biex isaħħaħ din il-fehma, l-eżekutat ressaq prova dokumentali[3] li tixhed li l-post fejn saru x-xogħlijiet huwa ġid ta' kumpannija u mhux ħwejġu;

Illi, min-naħa tiegħu, l-eżekutant jittanta jwaqqa' dak l-argument billi jressaq provi li juru li l-eżekutat kien il-persuna li kienet ikkummissjonat ix-xogħlijiet li saru fil-post u li kien hu li wiegħed lill-eżekutant li kien se jagħmel tajjeb għall-ħsara u jirranġa mal-assikuratur;

Illi l-Qorti tibda biex tqis li fil-kawża miftuħa mill-eżekutant, l-eżekutat ukoll tħarrek fil-kwalità tiegħu personali. Il-kwestjoni dwar jekk l-eżekutat messux tħarrek fil-kawża f'dik il-kwalità ma hemmx dubju li sejra titqajjem f'waħda mill-eċċezzjonijiet tal-istess eżekutat u l-Qorti li quddiemha tressqet il-kawża għadha trid tiddeċidiha. Li kieku din il-Qorti kellha tilqa' t-talba tal-eżekutat għat-tħassir tal-Mandat f'dan l-istadju u għar-raġuni msemmija minnu, kienet tkun qiegħda timponi minn issa l-fehma tagħha dwar l-imsemmija eċċezzjoni u xxekkel lill-Qorti li quddiemha miexja l-kawża. Dan ukoll huwa ta'

[1] Rik Nru. 700/20FDP imqiegħed għas-smigħ tat-18.1.2021
[2] Kumm GMA **23.6.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul Ħili et vs Dr. Joselle Farruġia noe et*** (mhix pubblikata)
[3] Dok "A", f'paġġ. 6 – 15 tal-atti

xkiel biex it-talba tal-eżekutat tista' tintlaqa'. Barra minn hekk, mis-sottomissjonijiet u l-provi mressqa miż-żewġ partijiet, ma jistax jingħad mad-daqqa t'għajn li dak li jgħid l-eżekutat huwa tabilħaqq minnu, u ma hemmx dubju li l-kwestjoni hija waħda kumbattuta lil hinn mill-*prima facie*;

Illi b'żieda ma' dan biżżejjed jingħad li jekk, 'il quddiem, dik il-Qorti li quddiemha tinsab il-kawża se tasal għall-fehma li l-eżekutat ma messux tħarrek fil-kawża fil-vesti personali, xorta waħda ma jistax jingħad li l-Mandat ma kienx ġustifikat. Is-suċċess jew telfien ta' kwestjoni fil-mertu ma tista' qatt tfisser li Mandat kawtelatorju nħareġ b'mod vessatorju jew fieragħ[4]. Allura, fil-fehma ta' din il-Qorti, il-kwestjoni ta' jekk huwiex raġonevoli li Mandat kawtelatorju jinżamm fis-seħħ jew jekk huwiex meħtieġ jew ġustifikabbli li tali Mandat jinżamm fis-seħħ ma tiddependi xejn mill-eventwali ċaħda tal-kawżali fil-mertu tat-talbiet tal-intimat eżekutant;

Illi jingħad ukoll li d-dispożizzjoni tal-liġi taħt eżami timplika li, **wara l-ħruġ tal-Mandat,** tkun tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa' (għal kollox jew in parti) fis-seħħ[5]. Din it-tifsira toħroġ mill-kliem "jinżamm" u "aktar meħtieġ" li jinsabu fl-imsemmija dispożizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiġġustifika l-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-Mandat issa m'għadux il-każ;

Illi fil-każ tal-lum l-eżekutat ma weriex li seħħet xi bidla fiċ-ċirkostanzi minn dakinhar li l-eżekutat kiseb il-ħruġ tal-Mandat. Din il-Qorti diġà qieset li ma tilqax ir-raġuni li huwa semma għaliex ma kellux jinħareġ il-Mandat. Għalhekk, ma jistax jingħad li, ladarba ma seħħet l-ebda bidla fiċ-ċirkostanzi, issa ma huwiex raġonevoli li l-istess Mandat jibqa' aktar fis-seħħ jew li hemm xi raġuni li twassal biex il-Mandat jitħassar kollu jew f'biċċa minnu;

Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti ma ssibx li l-eżekutat seħħlu jagħti raġuni tajba għaliex il-Mandat għandu jitħassar fuq din il-kawżali;

Illi fil-**ħames talba** tiegħu l-eżekutat jitlob ir-rimedju tal-kundanna tal-eżekutant għall-ħlas ta' penali. Huwa jisħaq li l-Mandat inħareġ b'ħażen u t-talba għall-ħruġ tal-istess hija maħsuba biss biex iddejjaq lill-persuna kontra min inħareġ;

Illi l-eżekutant iwarrab din it-talba billi jgħid li l-ebda waħda miċ-ċirkostanzi maħsuba fil-liġi biex persuna li toħroġ Mandat tkun kundannata għall-ħlas ta' penali ma tgħodd għalih. Huwa jgħid li meta talab il-ħruġ tal-Mandat ma

[4] Ara, per eżempju, PA JSP **10.1.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***Spiteri vs Camilleri*** u P.A. RCP **30.5.2002** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Yorkie Clothing Industry Limited vs Dr Lilian Calleja Cremona***

[5] Ara P.A. GC **3.8.2001** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Dr Tonio Fenech noe vs Dr Patrick Spiteri et noe et***

kien mexa bl-ebda ħażen u ma kellux għalfejn joqgħod jinterpella uffiċjalment lill-eżekutat b'att ġudizzjarju qabel inħareġ il-Mandat għaliex kien ilu jiġri warajh għalxejn sa minn bosta xhur qabel biex iżomm kelmtu u jagħmel it-tiswijiet meħtieġa wara t-tiġrif tal-bini. Iżid jgħid li kien ilu madwar sena w nofs minn dakinhar li waqa' l-bini jipprova jikkonvinċi lill-eżekutat iżomm kelmtu, saħansitra b'laqgħat mal-periti biex jiffinalizżaw dak li kellu jsir bħala rimedju;

Illi dwar il-kwestjoni tal-impożizzjoni tal-penali, irid jingħad li din hija sanzjoni fakoltativa. Il-Qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, tista' taqbel li tgħabbi lil min ikun ħareġ Mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta' din, b'piena ta' ħlas ta' penali. Minbarra li tali impożizzjoni hija fakultativa, irid jintwera għas-sudisfazzjon tal-Qorti li trid tkun seħħet waħda miċ-ċirkostanzi maħsubin mil-liġi biex tali sanzjoni tiġi imposta. Erbgħa (4) huma ċ-ċirkostanzi maħsuba mil-liġi f'dan ir-rigward u, ladarba huma sanzjoni punittiva, għandhom jitqiesu strettament bħala tassattivi[6]. Dwar din id-diskrezzjoni ngħad li l-Qorti hija tenuta li timponi l-penali fejn ikunu jirriżultaw l-estremi li l-liġi teżiġi biex din tkun imposta, u l-Qorti tista' biss tagħżel li ma timponix il-penali maħsuba fl-artikolu 836(8) f'każijiet estremi fejn is-sens ta' ġustizzja hekk kien jimponilha[7]. Il-penali maħsuba fl-imsemmi artikolu 836(8) tal-Kap 12 hija waħda ta' ordni pubbliku immirata li tiżgura serjeta' fil-proċess ġudizzjarju u biex ma tħallix li l-istitut tal-Mandati kawtelatorji jintuża b'abbuż;

Illi fil-każ tal-lum, għalkemm l-eżekutat ma jispeċifika l-ebda waħda mid-dispożizzjonijiet fl-artikolu 836(8) li dwarhom jemmen li din il-Qorti jmissha tikkundanna lill-eżekutant għall-ħlas tal-penali, jidher li jirreferi għal dik iċ-ċirkostanza maħsuba fl-artikolu 836(8)(d) tal-Kodiċi;

Illi l-Qorti f'dan ir-rigward, il-liġi titlob li l-persuna eżekutata bi ħruġ ta' Mandat turi b'raġuni u b'mod tajjeb biżżejjed li l-parti eżekutanti kienet imxiet b'ħażen jew b'mod fieragħ u vessatorju fil-ħruġ tal-Mandat. Waħda minn dawn it-tliet raġunijiet tkun biżżejjed, imma l-prova ta' mqar waħda minnhom trid issir minn min jallega li l-Mandat ikun inħareġ kontrih b'mod ħażin jew għal raġunijiet ċensurabbli bis-sanzjoni tal-kundanna għall-ħlas ta' penali;

Illi huwa minn ewl id-dinja li min jippretendi li għandu jitħallas jew jingħata rimedju għal xi ħsara mġarrba jinqeda bil-mezzi li tagħtih il-liġi ħalli jiżgura dak il-ħlas. B'daqshekk ma jfissirx li jkun mexa bi frodi, b'mod fieragħ jew b'abbuż tal-proċess ġudizzjarju;

Illi l-Qorti ma ngħatat l-ebda raġuni biex twassalha għall-fehma li l-eżekutant mexa b'ħażen jew b'mod fieragħ qabel talab il-ħruġ tal-Mandat. Il-

[6] Ara P.A. TM **13.3.2003** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Cole Foods Ltd. vs Euro Imports Ltd.***
[7] App. Ċiv. **13.3.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Rapa vs Sammut*** (Kollez. Vol: **LXXXV.ii.142**)

Qorti qieset li diġà ntwera li ma jeżistux ir-raġunijiet għat-tħassir tal-Mandat u li l-intimat eżekutant kellu u għad għandu raġunijiet tajbin biżżejjed biex jitlob il-ħruġ tal-Mandat. Dan iġib l-effett li ma jistax jingħad li l-Mandat inħareġ b'ħażen, jew għal raġuni fiergħa jew inkella bil-ħsieb biss li jdejjaq lir-rikorrenti eżekutata;

Illi għalhekk il-Qorti, f'dan l-istadju u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet diġà magħmula iżjed 'il fuq, tasal għall-fehma li ma jirriżultawx iċ-ċirkostanzi għall-impożizzjoni tal-penali minħabba l-ħruġ tal-Mandat[8]. F'dan il-każ, il-Qorti sejra timxi wkoll fuq il-massima li l-bona fede hija preżunta u li l-ħażen irid jiġi ippruvat[9];

Illi fit-**tieni, t-tielet u r-raba' talbiet** tiegħu l-eżekutat talab li l-Qorti ssib lill-eżekutant ħati tad-danni mġarrba minħabba l-ħruġ tal-Mandat u kif ukoll biex tillikwida d-danni u tikkundannah iħallsu tagħhom;

Illi dwar il-kwestjoni tal-kundanna għall-ħlas tad-danni, l-Qorti ma jidhrilhiex li talbiet bħal dawn għandhom jintlaqgħu bil-mod kif saru u fi proċedura bħal din. Hija l-fehma sħiħa tagħha li talbiet bħal dawn jistgħu jsiru biss b'azzjoni ġdida għaliha (illum il-ġurnata permezz ta' Rikors Maħluf) u mhux fil-qafas ta' rikors għat-tħassir ta' Mandat kawtelatorju. Kemm hu hekk, sa ma fl-2005 saru l-bidliet fil-liġi tal-proċedura u fl-atti li bihom jitressqu l-kawżi, l-artikolu 836(9) kien jirreferi għal "ċitazzjoni". Bil-bidla korrispondenti li saret bl-imsemmija emendi, dan ifisser li r-"rikors" li għalih illum jirreferi l-artikolu 836(9) irid ikun fis-sura tar-Rikors Maħluf maħsub fl-artikolu 156 tal-Kodiċi, li m'għandu x'jaqsam xejn mar-rikors imressaq mir-rikorrenti eżekutati f'dan il-każ;

Illi għalhekk, il-Qorti ssib li t-talba għall-kundanna tad-danni taħt l-artikoli 836(9) hija irritwali għall-finijiet tal-artikolu 164(1) tal-Kodiċi;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tipprovdi dwar it-talbiet tal-eżekutat billi:

**Tiċħad it-talbiet** kollha tiegħu, għaliex mhumiex mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt, bl-**ispejjeż** kontra l-istess rikorrent eżekutat.

Mogħti kameralment illum, it-Tlieta, 12 ta' Jannar, 2021.

---

[8] P.A. TM **5.6.2003** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Emanuel Sammut et vs Josephine Sammut***
[9] Ara, per eżempju, App. Ċiv **7.7.1920** fil-kawża fl-ismijiet ***Miller Blacker pro et noe vs Howard*** (Kollez. Vol: **XXIV.i.554**)

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

Komunika: Av. Ryan Ellul – għar-rikorrent eżekutat
Av. Michela Spiteri – għall-intimat eżekutant

(Kopja għan-notifika tal-partijiet)